KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.10.2008
KUMM(2008) 615 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

1. Fil-25 ta' Frar 2004 il-Kummissjoni talbet l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex tmexxi negozjati mal-Kanada dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet miċ-ċertifikazzjoni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u l-kompatibbiltà ambjentali.

2. Il-Kunsill ta dik l-awtorizzazzjoni fil-21 ta' April 2004 u ordna lill-Kummissjoni sabiex twettaq dawn in-negozjati skont sett ta' direttivi dwar in-negozjar u ħatar kumitat speċjali biex jassistiha f'dan il-kompitu.

3. L-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni kienet tipprevedi ftehim dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' sejbiet li jiffukaw prinċipalment fuq żewġ aspetti:

   (a) il-prodotti ddisinjati, immanifatturati, immodifikati, jew imsewwija taħt il-kontroll regolatorju ta' parti waħda għandhom jinħarġulhom faċilment l-approvazzjonijiet meħtieġa biex jiġu rreġistrati jew imħaddma taħt il-kontroll regolatorju tal-parti l-oħra;

   (b) l-inġenji tal-ajru rreġistrati jew imħaddma taħt il-kontroll regolatorju ta' parti waħda li għandha ssirilhom manutenzjoni minn organizzazzjonijiet taħt il-kontroll regolatorju tal-parti l-oħra.

4. L-għanijiet prinċipali tad-direttivi dwar in-negozjar kienu li jiffaċilitaw il-kummerċ fi prodotti u servizzi koperti mill-ftehim, li jillimitaw kemm jista' jkun id-duplikazzjoni tal-evalwazzjonijiet, it-testijiet u l-kontrolli għal differenzi regolatorji sinifikanti u li joqogħdu fuq is-sistema ta' ċertifikazzjoni ta' waħda mill-partijiet biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tal-parti l-oħra.

5. Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, id-direttivi dwar in-negozjar identifikaw il-mezzi segwenti:

   – li jiġu approssimati progressivament ir-rekwiżiti u l-proċessi regolatorji taż-żewġ partijiet;

   – li tinżamm il-fiduċja fis-sistemi ta' ċertifikazzjoni taż-żewġ partijiet billi wieħed jibni fuq l-esperjenza miksuba mill-kooperazzjoni bejn il-Kanada u l-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (*Joint Aviation Authorities* - JAA) sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jwettqu f'isem l-awtorità kompetenti Kanadiża, Transport Canada (TCCA), il-kompiti li jridu jwettqu għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 li ħa post ir-regoli komuni dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni li bihom inħolqot l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà [Sikurezza] fl-Avjazzjoni – ir-Regolament Nru 1592/2002;

   – li kwalunkwe parti tista' tkun sodisfatta li l-organi involuti fil-proċess regolatorju tal-parti l-oħra, jistgħu jwettqu b'mod sodisfaċenti l-evalwazzjonijiet tal-konformità u s-superviżjoni regolatorja kif meħtieġ sabiex toħroġ l-approvazzjonijiet tagħha stess;

– li tiżdied il-kooperazzjoni billi jsir provvediment għal konsultazzjonijiet regolari bejn il-partijiet sabiex ikun żgurat li l-ftehim jaħdem b'mod sodisfaċenti speċjalment billi jiddaħħlu l-mekkaniżmi xierqa ta' kooperazzjoni biex tiġi vverifikata fuq bażi reċiproka l-ajrunavigabbiltà u l-kapaċità kontinwa tal-organi regolatorji involuti fl-implimentazzjoni tal-ftehim;

– li titwaqqaf sistema ta' monitoraġġ kontinwu tal-funzjonament tal-ftehim u b'mod partikolari tal-annessi tiegħu, li huma parti integrali minnu, u li tippermetti li l-ftehim jiġi mmaniġġjat minn kumitat konġunt magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ partijiet, inkarigati sabiex isibu u jipproponu soluzzjonijiet f'waqthom għal kwalunkwe problemi li jinqalgħu mill-implimentazzjoni tal-ftehim.

2. IL-PROĊESS TAN-NEGOZJATI

6. In-negozjati mal-Kanada ffukaw fuq kif tista' tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni reċiproka ta' approvazzjonijiet li jiċċertifikaw l-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru, il-komponenti u l-apparat li jitwaħħal fuqhom kif ukoll l-approvazzjonijiet biex jiċċertifikaw l-organizzazzjonijiet involuti fid-disinn, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tagħhom. Dawn l-approvazzjonijiet għandhom jinħarġu minn xi waħda mill-partijiet fl-applikazzjoni ta' ċerti proċeduri dwar l-ajrunavigabbiltà u l-manutenzjoni. Matul in-negozjati, iż-żewġ naħat iddeċidew li jispjegaw id-dettalji ta' dawn il-proċeduri f'Annessi separati għall-Ftehim.

7. It-test tal-ftehim u l-annessi tiegħu ġew inizzjalati mill-Kummissjoni u Transport Canada fi Brussell fil-25 ta' April 2007. Billi n-naħa Kanadiża f'dak il-mument kienet fil-proċess ta' riorganizzazzjoni tal-proċeduri ta' verifika interna u tas-sistema ta' kontroll tal-iżbalji tagħha, il-Kummissjoni u l-AESA talbu li n-naħa Kanadiża turi lill-Komunità, permezz ta' djalogu għall-bini tal-fiduċja, l-effikaċja tal-proċess il-ġdid b'mod partikolari fil-qasam tal-manutenzjoni u s-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni qabel ma ż-żewġ naħat jipproċedu biex jiffinalizzaw il-proċeduri interni tagħhom lejn l-iffirmar tal-ftehim.

8. Fil-qafas tal-bini tal-fiduċja saru diversi laqgħat bejn l-AESA u t-TCCA għat-tħejjija tal-materjal ta' gwida fil-qasam tal-manutenzjoni u l-attivitajiet relatati ta' evalwazzjoni teknika bejn iż-żewġ aġenti tekniċi. Il-Komunità u l-Kanada diġà kisbu esperjenza u bnew fiduċja fis-sistema Kanadiża permezz ta' kooperazzjoni effettiva u mingħajr problemi fil-qafas tal-JAA li kienet imsejsa fuq arranġament ta' ħidma. Għaldaqstant, kien hemm il-ħtieġa li jiġi mifhum u evalwat safejn il-bidliet previsti minn Transport Canada kien se jkollhom impatt fuq is-sistema attwali tagħha ta' ġestjoni tas-sikurezza u l-applikazzjoni tal-ftehim u b'mod aktar preċiż fiż-żamma tal-fiduċja bejn iż-żewġ naħat.

9. It-tibdil fil-proċeduri interni ta' verifika u fis-sistema ta' kontroll tas-sorveljanza ta' Transport Canada għandu jiddaħħal f'żewġ fażijiet:

– L-ewwel fażi kienet tikkonsisti f'analiżi tas-sitwazzjoni fir-rigward tas-sikurezza tal-impriżi taħt il-kontroll regolatorju ta' Transport Canada li kienet ibbażata fuq evalwazzjoni tar-riskju u tal-ħtiġijiet fir-rigward tal-kapaċità tal-awtorità sabiex tiżgura implimentazzjoni u infurzar korrett mingħajr ma jiġu affettwati l-proċeduri stabbiliti ta' sorveljanza.

– It-tieni fażi għandha tintuża sabiex fejn ikun meħtieġ jiddaħħlu bidliet ibbażati fuq l-esperjenza u r-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju li twettqet fl-ewwel fażi.

10. Minħabba li l-bidliet previsti jistgħu potenzjalment ikollhom impatt fuq il-manutenzjoni u t-twettiq ta' sorveljanza mill-awtoritajiet Kanadiżi fuq l-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni li jinsabu fil-Kanada, saru diversi preżentazzjonijiet lill-AESA dwar l-approċċ il-ġdid tat-TCCA lejn is-sorveljanza tal-impriżi (ibbażat fuq evalwazzjoni tar-riskju u sistemi għall-ġestjoni tas-sikurezza), f'Cologne fit-23 u fl-24 ta' April 2007 u fi Praga fis-6 ta' Ġunju 2007. Dawn il-preżentazzjonijiet urew li l-bidliet li saru matul l-ewwel fażi kienu qegħdin iwasslu għal riżultati pożittivi netti billi ppermettew lill-awtorità tipprijoritizza aħjar l-allokazzjoni tar-riżorsi tagħha wara li għamlet evalwazzjoni tar-riskji tal-impriżi taħt il-kontroll regolatorju tagħha u għaldaqstant li tintervjeni b'mod immirat. Dawn il-preżentazzjonijiet kienu segwiti minn żjara (17 sat-22 ta' Settembru 2007) f'Ottawa ta' Tim għall-Istandardizzazzjoni tal-AESA. Matul din iż-żjara, minbarra diversi kjarifiki mogħtija mit-TCCA dwar l-eżerċizzju tas-sorveljanza, l-AESA għamlet spezzjoni (MIST, standardizzazzjoni internazzjonali tal-manutenzjoni) biex tispjega l-approċċ il-ġdid tat-TCCA. Billi matul l-ewwel fażi ma nbidlitx il-perjodiċità tal-ispezzjonijiet li komplew dwar l-ajrunavigabbiltà u l-manutenzjoni, iż-żjara kkonfermat ir-riżultati pożittivi tal-bidliet fis-sistema Kanadiża.

11. L-ewwel fażi għadha għaddejja. Waqt diversi laqgħat bejn l-AESA u Transport Canada, l-Aġenzija setgħet tindika s-sodisfazzjon globali tagħha li s-sistema implimentata minn TCCA Canada pprovdiet livell ta' sikurezza ekwivalenti għal dak Komunitarju. Sabiex ikunu jistgħu jantiċipaw u jiġġestixxu aħjar kwalunkwe modulazzjoni tal-ispezzjonijiet għall-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni, li tista' tiddaħħal matul it-tieni fażi, l-AESA u t-TCCA se jkunu qegħdin jużaw il-kumitat settorjali konġunt dwar il-manutenzjoni li ġie stabbilit bil-ftehim sabiex ikun żgurat li l-fiduċja fis-sistema ta' sorveljanza ta' xulxin tinżamm f'kull ħin.

3. IL-BAŻI LEGALI TAL-FTEHIM

12. Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tneħħija tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ fi prodotti taqa' fl-ambitu tal-politika kummerċjali komuni kif iddefinita fl-Artikolu 133(1) KE u għaldaqstant taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità[1].

13. Barra minn hekk, bid-dħul fis-seħħ f'Settembru 2002 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni kif issostitwit mir-Regolament (KE) Nru 216/2008[2], il-Komunità kisbet armonizzazzjoni interna fl-oqsma koperti minn dak ir-regolament, jiġifieri: l-ajrunavigabbiltà inizjali u kontinwa (inkluża l-

---

1 Konklużjonijiet 1/94, WTO, [1994] Ġabra I-5267, paragrafu 33. B'mod konsistenti ma' din il-każistika, il-ftehimiet ta' Rikonoxximent Reċiproku għal prodotti ġeneralment jiġu konklużi fuq il-bażi tal-Artikolu 133 KE. Ara per eżempju d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/78/KE, tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika, ĠU L 31 ta' 4.2.1999.

2 Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi [l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni], u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE, ĠU L79, 19.3.2008, p.1

manutenzjoni) u l-kompatibbiltà ambjentali tal-prodotti ajrunawtiċi. Dan ir-Regolament ġie ssupplimentat minn sett ta' miżuri Implimentattivi (Regolament tal-Kummissjoni Nru 1702/2003 u Nru 2042/2003) li jistipulaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-applikanti, mid-detenturi taċ-ċertifikati u mill-awtoritajiet sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti u l-objettivi essenzjali tar-Regolament Bażiku jiġu mħarsa f'kull ħin. Il-Ftehim propost jaffettwa din il-leġiżlazzjoni Komunitarja skont il-każistika ERTA.

14. Għalhekk, il-Kummissjoni tħoss li l-Komunità għandha kompetenza esklużiva biex tikkonkludi l-ftehim fuq il-bażi tal-Artikoli 133(4) u 80(2) KE.

4. STRUTTURA TAL-FTEHIM

15. Il-Ftehim innegozjat jirrifletti b'mod ġenerali l-istruttura ta' ftehim "klassiku" fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, jew "BASA" kif inhuma msejħin il-Ftehimiet Bilaterali eżistenti dwar is-Sikurezza fl-Avjazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kanada. Bħal fil-każ tal-BASAs, il-ftehim huwa bbażat fuq il-fiduċja reċiproka fis-sistema ta' xulxin u fuq it-tqabbil tad-differenzi regolatorji. Għaldaqstant, dan jinvolvi obbligi u metodi ta' kooperazzjoni bejn l-awtorità li tesporta u dik li timporta sabiex din tal-aħħar tkun tista' toħroġ iċ-ċertifikat tagħha stess għall-prodott ajrunawtiku, parti jew apparat mingħajr ma ttenni l-evalwazzjonijiet kollha magħmula mill-awtorità li tesporta kif ukoll proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwimiet biex jiġi emendat il-ftehim.

16. Il-mezzi biex dan isir, jiġifieri kif wieħed għandu jikkoopera u jaċċetta b'mod reċiproku s-sejbiet taċ-ċertifikazzjoni tal-ieħor fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà u l-manutenzjoni (il-metodi, l-ambitu f'termini tal-prodotti u s-servizzi, id-differenzi regolatorji msejħa wkoll fil-lingwaġġ tagħhom "kundizzjonijiet speċjali") huma stipulati fl-Annessi għall-Ftehim.

17. L-abbozz ta' ftehim huwa differenti mill-BASAs eżistenti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fosthom il-Kanada. Fil-każ tal-BASAs, dak li jkun ippreżentat fl-Annessi ġeneralment jitpoġġa f'arranġamenti separati f'livell ta' awtorità għall-avjazzjoni ċivili li ma jkollux in-natura vinkolanti ta' trattat. Normalment dawn l-arranġamenti jissejħu "MIP" (*maintenance implementation procedures* – proċeduri għall-implimentazzjoni tal-manutenzjoni) u "IPA" (*Implementing Procedures for Airworthiness* – Proċeduri Implimentattivi għall-Ajrunavigabbiltà). Id-dħul fis-seħħ fil-prattika tad-dispożizzjonijiet tal-BASA jista' jseħħ biss wara li jiġi ffirmat IPA u/jew MIP, billi dawn huma t-testi li jiddefinixxu kif għandhom jinkisbu l-objettivi stipulati fil-BASA. Sa mill-bidu tan-negozjati, iż-żewġ naħat ftiehmu li l-proċeduri speċifiċi li jippermettu liż-żewġ naħat jirrikonoxxu reċiprokament is-sejbiet taċ-ċertifikazzjoni fiż-żewġ oqsma – iċ-ċertifikazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni u l-approvazzjonijiet tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni – ikunu stipulati fl-annessi li jkunu vinkolanti b'mod ugwali għaż-żewġ naħat u jsiru partijiet integrali tal-Ftehim.

18. L-abbozz ta' ftehim jagħti l-possibbiltà lill-Partijiet li jikkunsidraw modi kif iżidu aktar il-funzjonament tal-ftehim u li jagħmlu rakkomandazzjonijiet għal modifiki li jinkludu ż-żieda ta' annessi ġodda għall-ftehim permezz tal-Kumitat Konġunt. Huwa jħalli lill-Partijiet il-libertà li jagħżlu l-modi kif jimmodifikaw il-ftehim u l-annessi tiegħu skont l-istess proċedura ta' emenda li tintemm bl-aħħar notifika minn Parti waħda lill- oħra li l-proċeduri domestiċi tagħha għad-dħul fis-seħħ ta' emenda

miftiehma jkunu ġew ikkompletati. B'mod partikolari, fejn is-suġġett tal-modifika jkun emendi għal annessi eżistenti jew iż-żieda ta' oħrajn ġodda, il-Partijiet jistgħu jiftiehmu li jimmodifikaw il-ftehim bi skambju sempliċi ta' Noti Diplomatiċi bejn il-Partijiet.

19. Barra minn hekk, l-abbozz ta' ftehim jikkostitwixxi vantaġġ nett għall-Komunità minħabba li se jistabbilixxi aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet taċ-ċertifikazzjoni fl-oqsma kollha tal-ajrunavigabbiltà għall-Istati Membri kollha. Ta' min jinnota li attwalment, 6 Stati Membri biss għandhom ftehim bilaterali mal-Kanada li jkopri ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti. Sallum, Transport Canada aċċettat ukoll is-sejbiet tal-amministrazzjonijiet Ewropej, speċjalment meta dawn saru taħt l-awspiċi tal-JAA, biex joħorġu l-approvazzjonijiet tagħhom. B'mod reċiproku, il-JAA wettqet verifika tas-sistema Kanadiża u ftiehmet fuq "kuntratti ta' esternalizzazzjoni" mal-amministrazzjoni Kanadiża fejn spjegat il-proċessi li għandhom jiġu segwiti sabiex il-JAA tkun tista' tirrakkomanda l-aċċettazzjoni tas-sejbiet tagħha mill-awtoritajiet membri tal-JAA. L-istess approċċ jipprevali għall-approvazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni fejn jeżistu biss 6 ftehimiet formali. F'dan il-qasam ukoll, ġie konkluż arranġament ta' "esternalizzazzjoni" bejn Transport Canada u l-JAA li jippermetti l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet membri tagħha tal-istazzjonijiet tat-tiswija Kanadiżi (organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni) taħt is-superviżjoni tal-amministrazzjoni Kanadiża. Attwalment ma hemm ebda arranġament li jkopri ċ-ċertifikazzjoni ambjentali tal-prodotti ajrunawtiċi.

5. IL-KONTENUT TAL-FTEHIM

5.1. Drittijiet u obbligi ċari għaż-żewġ Partijiet

20. Il-Ftehim ma jipproponix li jmur lilhinn minn dak li hu permess fil-liġi applikabbli ta' kull waħda mill-partijiet. Il-liġi applikabbli għall-Komunità Ewropea hija r-Regolament (KE) Nru 216/2008 li ħa post ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u l-miżuri implimentattivi tiegħu fosthom kwalunkwe emenda li saritilhom.

21. Is-sistema Komunitarja hija riflessa b'mod sħiħ fl-abbozz ta' test li jistabbilixxi b'mod ċar is-separazzjoni tal-kompiti fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti u l-komponenti ajrunawtiċi u l-organizzazzjonijiet involuti fit-tfassil u l-manifattura ta' tali prodotti u komponenti.

22. Fir-rigward tal-manutenzjoni, fuq il-bażi tal-esperjenza tajba fir-relazzjonijiet bilaterali bejn il-Kanada u l-JAA, in-naħa Kanadiża pproponiet li tmur lilhinn mir-responsabbiltajiet tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 li jipprevedi bħala artikolu ekwivalenti l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 preċedenti, li fil-qafas ta' ftehim internazzjonali, iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu mill-AESA jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri fuq il-bażi ta' ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz. Fil-fatt, l-awtoritajiet Kanadiżi pproponew li joħorġu approvazzjonijiet f'isem l-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni tal-AESA bbażati fil-Kanada li jwettqu manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru u partijiet iddisinnjati fil-KE, mingħajr il-ħtieġa għall-Aġenzija li toħroġ iċ-ċertifikati/approvazzjonijiet tagħha stess fuq il-bażi taċ-ċertifikati/approvazzjonijiet maħruġa minn Transport Canada. Din il-proposta wriet ir-rieda min-naħa Kanadiża li jinkiseb rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-manutenzjoni.

23. Il-Kummissjoni tħoss li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 mhumiex ostaklu għall-Komunità biex tikkonkludi ftehim internazzjonali li bih iċ-ċertifikati maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikunu awtomatikament validi fil-Komunità.

B'dan il-ħsieb, fil-qasam tal-manutenzjoni l-ftehim jipprovdi dan li ġej:

– Il-partijiet jaqblu li, għall-finijiet tal-Proċedura ta' Manutenzjoni, l-osservanza tal-leġiżlazzjoni applikabbli fir-rigward tal-manutenzjoni ta' parti waħda u tar-rekwiżiti regolatorji speċifikati fl-Appendiċi B1 tagħha, tirrappreżenta konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Parti l-oħra.

– Il-partijiet jaqblu li, għall-finijiet tal-Proċedura ta' Manutenzjoni, il-prattiċi u l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni tal-Awtoritajiet Kompetenti ta' kull Parti jipprovdu għal prova ekwivalenti tal-konformità mar-rekwiżiti fuq imsemmija.

– Il-partijiet jaqblu li, għall-finijiet tal-Proċedura ta' Manutenzjoni, l-istandards rispettivi tal-Partijiet li jirrigwardaw il-liċenzjar tal-persunal ta' manutenzjoni huma kkunsidrati bħala ekwivalenti.

5.2. Mezzi ċari sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-mandat

24. L-abbozz jistipula li kull parti għandha taċċetta s-sejbiet ta' konformità bħala riżultati tal-proċeduri speċifikati tal-parti l-oħra meta dawn isiru skont id-dispożizzjonijiet tal-annessi – Artikolu 3(1).

25. L-abbozz jirrikonoxxi d-dritt tal-awtorità regolatorja ta' kull waħda mill-partijiet li toħroġ ċertifikati li jattestaw il-konformità mas-sistema tal-parti l-oħra f'isem dik il-parti l-oħra – Artikolu 3(1).

26. L-abbozz ta' ftehim jassigura li tinżamm il-fiduċja tal-partijiet f'xulxin permezz tal-mekkaniżmu xieraq – huwa jipprovdi għal sistema ta' kooperazzjoni u konsultazzjoni kontinwa li tkun implimentata permezz ta' kooperazzjoni akbar fil-qafas ta' verifiki, spezzjonijiet, notifiki u konsultazzjonijiet f'waqthom dwar kull kwistjoni li taqa' fl-ambitu tagħha – l-Artikolu 8 dwar kooperazzjoni, assistenza u trasparenza reċiproka.

5.3. Konsultazzjonijiet regolari u soluzzjoni malajr tat-tilwimiet

27. L-abbozz ta' ftehim hu mfassal biex jaħdem mingħajr diffikultà fuq bażi ta' kuljum sabiex il-kwistjonijiet tekniċi li jinqalgħu mill-implimentazzjoni tiegħu jiġu solvuti kemm jista' jkun malajr. Għal dak il-għan inħoloq Kumitat Konġunt tal-Partijiet, kif ukoll sottokumitati – il-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Kumitat Settorjali Konġunt dwar il-Manutenzjoni – li jirrappurtaw lill-Kumitat Konġunt tal-Partijiet u jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-Annessi. Il-Kumitat Konġunt kif ukoll is-sottokumitati għandhom funzjonijiet kemm ta' konsultazzjoni kif ukoll ta' medjazzjoni, sabiex jiżguraw il-funzjonament bla problemi tal-ftehim billi jipprovdu forum sabiex jiġu solvuti d-differenzi bejn il-partijiet – l-Artikolu 9 (Kumitat Konġunt) kif ukoll il-punt 2.2 fl-Anness I dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-punt 4.2 fl-Anness 2 dwar il-manutenzjoni.

28. Il-Kumitat Konġunt huwa inkarigat biex jiddiskuti u jirrakkomanda lill-Partijiet kwalunkwe emenda għall-ftehim u l-annessi tiegħu u biex jiżviluppa proċeduri ta' ħidma dwar kooperazzjoni u trasparenza regolatorja għall-attivitajiet kollha li ma jiġux żviluppati mis-sottokumitati. B'dan il-mod, id-diskussjonijiet fl-oqsma li mhumiex koperti miż-żewġ annessi iżda li huma koperti mil-liġi tal-Komunità (eż. l-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, il-liċenzji jew l-apparat sintetiku ta' taħriġ) jistgħu jiġu diskussi b'mod kostruttiv sabiex iwittu t-triq għal kwalunkwe emenda futura tal-ftehim.

29. Jistgħu jintalbu konsultazzjonijiet f'kull ħin – l-Artikolu 15. Madankollu, il-partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jippruvaw isolvu l-kwistjonijiet tekniċi fl-aktar livell baxx possibbli qabel ma dawn isiru "tilwimiet".

5.4. Żamma ta' grad għoli ta' fiduċja fis-sistema ta' xulxin

30. Sabiex jinżamm livell għoli ta' fiduċja fis-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà inizjali u kontinwa ta' kull parti, il-Komunità u l-Kanada jassumu ċerti obbligi:

- li jgħarrfu lill-parti l-oħra dwar l-identità tal-"awtorità kompetenti"; għall-Komunità dan ifisser notifika lin-naħa Kanadiża li awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ġiet ivverifikata b'suċċess (mill-AESA) u li din il-verifika turi li din l-awtorità hija konformi b'mod sħiħ mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, li hija familjari mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Kanadiża fl-oqsma rilevanti u li hija kapaċi twettaq l-obbligi fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u l-manutenzjoni li joħorġu mill-annessi – l-Artikolu 5(2) u (3);

- li permezz ta' verifiki regolari jassiguraw li l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni li ġew innotifikati bħala "awtoritajiet kompetenti" jibqgħu kapaċi jwettqu l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-ftehim u l-annessi tiegħu – l-Artikolu 5(5);

- li jikkooperaw fl-assigurazzjoni tal-kwalità u jippermettu l-parteċipazzjoni ta' xulxin fl-ispezzjonijiet għall-istandardizzazzjoni u l-evalwazzjonijiet tal-konformità ta' xulxin (l-awtoritajiet u l-impriżi) – l-Artikolu 5(6) u l-Artikolu 8(5);

- li jiskambjaw dejta dwar is-sikurezza – informazzjoni disponibbli dwar aċċidenti, inċidenti jew okkorrenzi – l-Artikolu 8(4) u li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa meta jiskambjaw l-informazzjoni – l-Artikolu 11.

- li jgħarrfu lil xulxin dwar ir-rekwiżiti applikabbli u li jikkonsultaw lil xulxin dwar il-bidliet regolatorji u organizzattivi fi stadju bikri – l-Artikolu 8.

31. F'dan il-qasam tinsab ukoll id-differenza bejn dan il-ftehim u dak bejn il-KE u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili: il-Kanada ma talbitx proċess ta' bini tal-fiduċja li jikkonsisti mill-ispezzjonijiet tagħha stess (jew konġunti) tal-AESA jew tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni bħala prekundizzjoni sabiex tiffirma u tikkonkludi dan il-ftehim. Kuntrarju għal dan, l-Istati Uniti tal-Amerika insistiet dwar a) spezzjonijiet tal-AESA u tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni għall-iskop li tinkludihom bħala

awtoritajiet kompetenti rikonoxxuti għall-finijiet taż-żewġ annessi dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-manutenzjoni; b) "insegwiment (*shadowing*) ta' proġetti ta' ċertifikazzjoni" fejn il-FAA tal-Istati Uniti segwiet numru ta' proġetti ta' ċertifikazzjoni għaċ-Ċertifikazzjoni tat-Tip u ċ-Ċertifikati Supplimentali tat-Tip imwettqa mill-AESA biex tiffamiljarizza ruħha mal-proċeduri użati mill-Aġenzija, qabel ma seta' jkun iffirmat u konkluż il-ftehim.

5.5. Miżuri b'saħħithom ta' salvagwardja

32. L-abbozz ta' test tal-ftehim huwa imfassal sabiex jagħti lill-partijiet il-flessibbiltà neċessarja sabiex iwieġbu immedjatament għall-problemi tas-sikurezza jew biex jistabbilixxu livell ogħla ta' protezzjoni li huma jikkunsidraw bħala xieraq għas-sikurezza – l-Artikolu 6. Sabiex iż-żewġ naħat ikunu jistgħu jittrattaw sitwazzjonijiet bħal dawn mingħajr ma jpoġġu f'riskju l-validità tal-ftehim, huma previsti proċeduri speċifiċi.

33. Madankollu, jekk il-partijiet ma jkunux jistgħu jirrimedjaw b'mod sodisfaċenti għal sitwazzjoni speċifika, l-abbozz ta' test tal-ftehim jipprovdi l-ewwelnett għall-possibbiltà li tiġi sospiża l-aċċettazzjoni tas-sejbiet tal-Awtorità Kompetenti kkontestati – l-Artikolu 10 u t-tieni għall-mezzi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għat-terminazzjoni ta' parti mill-ftehim jew tal-ftehim kollu – l-Artikolu 16(2).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 133(4) flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili mal-Kanada skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati;[4]

(2) Il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu fi stadju aktar tard;

(3) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li l-ftehimiet bilaterali tagħhom mal-Kanada dwar l-istess suġġett jintemmu mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa bil-preżenti approvat f'isem il-Komunità, suġġett għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Il-President tal-Kunsill huwa bil-preżenti awtorizzat li jaħtar il-persuna/persuni li jkollha/jkollhom is-setgħa li jiffirma(w) il-Ftehim f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

---

[3] ĠU C , , p. .

[4] SEC(2004) 213 finali, 25.2.2004

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 80(2) u 133(4) flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 300(2), l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[5],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili mal-Kanada skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati;

(2) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, b'mod konformi mad-Deċiżjoni …/…/KE tal-Kunsill nhar …;

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat;

(4) Huwa meħtieġ li jiġu stipulati l-arranġamenti proċedurali għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-korpi konġunti stabbiliti bil-Ftehim, kif ukoll għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet li jirrigwardaw b'mod partikolari l-emendar tal-Ftehim u tal-Annessi tiegħu, iż-żieda ta' annessi ġodda, it-terminazzjoni ta' annessi individwali, il-konsultazzjonijiet u s-soluzzjoni tat-tilwimiet u l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja.

(5) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li l-ftehimiet bilaterali tagħhom mal-Kanada dwar l-istess suġġett jintemmu mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili huwa approvat f'isem il-Komunità.

---

[5] ĠU C , , p. .

(2) It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

(3) Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tagħmel in-notifika msemmija fl-Artikolu 16(1) tal-Ftehim.

Artikolu 2

(1) Il-Komunità għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt tal-Partijiet stabbilit fl-Artikolu 9 tal-Ftehim mill-Kummissjoni Ewropea assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni u akkumpanjata mill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni bħala rappreżentanti tal-Istati Membri.

(2) Il-Komunità għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni li hemm ipprovdut fil-paragrafu 2 tal-Anness A tal-Ftehim u fil-Kumitat Settorjali Konġunt dwar il-Manutenzjoni li hemm ipprovdut fil-paragrafu 4 tal-Anness B tal-Ftehim mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni assistita mill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni li jkunu direttament affettwati mill-aġenda ta' kull laqgħa.

Artikolu 3

(1) Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, għandha tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kumitat Konġunt tal-Partijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:

– L-adozzjoni jew tibdil tal-proċeduri interni ta' regolazzjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Partijiet skont l-Artikolu 9(3) tal-Ftehim;

(2) Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali msemmi fil-paragrafu 1, tista' tieħu l-azzjoni segwenti:

– Tadotta miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim;

– Titlob konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim;

– Tissospendi l-aċċettazzjoni tas-sejbiet u tirtira tali sospensjoni skont l-Artikolu 10 tal-Ftehim.

(3) Il-Kunsill għandu jiddeċiedi, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:

– L-adozzjoni ta' Annessi addizzjonali skont l-Artikolu 16(5) tal-Ftehim;

– Kwalunkwe emenda oħra għall-Ftehim li ma taqax fl-ambitu tal-paragrafu 1;

– It-Terminazzjoni ta' Annessi individwali skont l-Artikolu 16(3) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

DWAR IS-SIKUREZZA FL-AVJAZZJONI ĊIVILI
BEJN
IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KANADA

Il-KOMUNITÀ EWROPEA u l-KANADA, iktar ’il quddiem imsejħa “il-Partijiet”,

WARA LI KKUNSIDRAW li kull Parti stabbilixxiet, bi prattika twila ta’ skambji tekniċi u arranġamenti bilaterali bejn il-membri tal-Komunità Ewropea (KE) u l-Kanada, li l-istandards u s-sistemi tal-Parti l-oħra għall-ajrunavigabbiltà u ċ-ċertifikazzjoni jew l-aċċettazzjoni ambjentali tal-Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili huma suffiċjentement ekwivalenti għal tagħha biex b’hekk huwa prattikabbli li jsir ftehim;

WARA LI GĦARFU t-tendenza ġdida lejn id-disinn, produzzjoni u interskambju multinazzjonali ta’ Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili;

XEWQANA li jippromwovu s-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili u l-kwalità u l-kompatibbiltà ambjentali u li jiffaċilitaw l-iskambju ta’ Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili;

XEWQANA li jkabbru l-kooperazzjoni u jżidu l-effiċjenza fi kwistjonijiet marbuta mas-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili;

WARA LI KKUNSIDRAW li l-kooperazzjoni tagħhom tista’ tikkontribwixxi b’mod pożittiv sabiex tinkoraġġixxi armonizzazzjoni internazzjonali akbar tal-istandards u l-proċessi;

WARA LI KKUNSIDRAW it-tnaqqis possibbli fil-piż ekonomiku impost fuq l-industrija u l-operaturi tal-avjazzjoni bi spezzjonijiet tekniċi, evalwazzjonijiet, u ttestjar eċċessivi;

WARA LI GĦARFU l-beneficċju reċiproku tal-proċeduri mtejba għall-aċċettazzjoni reċiproka tal-approvazzjonijiet u l-ittestjar fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà, il-ħarsien tal-ambjent, il-faċilitajiet għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, u l-ajrunavigabbiltà kontinwa;

WARA LI GĦARFU li kwalunkwe aċċettazzjoni reċiproka bħal din jeħtieġ li toffri assigurazzjoni ta’ konformità mar-regolamenti tekniċi applikabbli jew standards ekwivalenti għall-assigurazzjoni offruta mill-proċeduri ta’ waħda mill-Partijiet stess;

WARA LI GĦARFU li kwalunkwe aċċettazzjoni reċiproka bħal din teħtieġ ukoll il-fiduċja ta’ kull Parti fl-affidabbiltà kontinwa tal-evalwazzjonijiet tal-konformità tal-Parti l-oħra;

WARA LI GĦARFU l-impenji rispettivi tal-Partijiet taħt ftehimiet bilaterali, reġjonali u multilaterali li jittrattaw is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili u l-kompatibbiltà ambjentali:

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Miri

L-objettivi ta' dan il-Ftehim huma:

(a) Li jistabbilixxi, b'mod konsistenti mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fi ħdan kull Parti, prinċipji u arranġamenti sabiex jippermetti l-aċċettazzjoni reċiproka tal-approvazzjonijiet maħruġa mill-Awtoritajiet Kompetenti ta' kull Parti fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim, kif iddettaljati fl-Artikolu 4.

(b) Li jippermetti lill-Partijiet jadattaw għat-tendenza emerġenti lejn disinn, manifattura, manutenzjoni u interskambju multinazzjonali tal-Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili, billi jinvolvi l-interessi komuni tal-Partijiet fir-rigward tas-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili u l-kwalità ambjentali.

(c) Li jippromwovi l-kooperazzjoni biex jiġu sostnuti l-objettivi dwar is-sikurezza u l-kwalità ambjentali.

(d) Li jippromwovi u jiffaċilita l-iskambju kontinwu ta' Prodotti u servizzi Ajrunawtiċi Ċivili.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

It-termini u d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal dan il-Ftehim:

(a) "Approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà" tfisser sejba li d-disinn jew bidla fid-disinn ta' Prodott Ajrunawtiku Ċivili tissodisfa l-istandards stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikabbli li tkun fis-seħħ f'xi waħda mill-Partijiet jew li prodott huwa konformi ma' disinn li nstab li jissodisfa dawk l-istandards u li huwa f'kundizzjoni ta' tħaddim mingħajr periklu.

(b) "Prodott Ajrunawtiku Ċivili" jfisser kwalunkwe inġenju tal-ajru ċivili, magna ta' inġenju tal-ajru, jew skrun ta' inġenju tal-ajru jew sottomuntaġġ, apparat, parti, jew komponent installat jew li għandu jiġi installat fuqu.

(c) "Awtorità Kompetenti" tfisser aġenzija tal-gvern jew entità li tiġi magħżula bħala Awtorità Kompetenti minn xi waħda mill-Partijiet għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, li teżerċita dritt legali sabiex tevalwa l-konformità, tissorvelja u tikkontrolla l-użu jew il-bejgħ ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili jew servizzi fi ħdan il-ġuriżdizzjoni ta' waħda mill-Partijiet u li tista' tieħu azzjoni ta' infurzar sabiex tassigura li dawk il-prodotti jew servizzi kummerċjalizzati fi ħdan il-ġuriżdizzjoni ta' dik il-Parti jkunu konformi mar-rekwiżiti legali applikabbli.

(d) "Rekwiżiti Operattivi relatati mad-Disinn" ifissru r-rekwiżiti operattivi jew ambjentali li jaffettwaw il-karatteristiċi tad-disinn tal-prodott jew l-informazzjoni dwar id-disinn relatata mal-operazzjonijiet jew il-manutenzjoni tal-prodott li jagħmluha eliġibbli għal tip ta' operazzjoni partikolari.

(e) “Approvazzjoni Ambjentali” tfisser sejba li Prodott Ajrunawtiku Ċivili jkun konformi mal-istandards stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikabbli fir-rigward tal-istorbju u/jew tal-emissjonijiet tal-egżost li tkun fis-seħħ f’xi waħda mill-Partijiet.

(f) “Manutenzjoni” tfisser it-twettiq ta’ spezzjoni, qlugħ, tiswija, preżervazzjoni, u l-bdil ta’ partijiet, apparati, jew komponenti bl-eċċezzjoni tal-ispezzjoni ta’ qabel it-titjira ta’ Prodott Ajrunawtiku Ċivili biex tiġi assigurata l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta’ dak il-prodott, u tinkludi l-inkorporament tal-Modifiki; iżda ma tinkludix id-disinn tat-tiswijiet u l-Modifiki.

(g) “Monitoraġġ” ifisser is-sorveljanza perjodika minn Awtorità Kompetenti biex tiġi ddeterminata l-konformità kontinwa mal-istandards xierqa applikabbli.

(h) “Aġent Tekniku” jfisser, għall-Kanada, l-organizzazzjoni Kanadiża responsabbli għall-avjazzjoni ċivili u għall-Komunità Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (AESA).

Artikolu 3

Obbligi ġenerali

1. Kull Parti għandha, kif speċifikat fl-Annessi għal dan il-Ftehim li jiffurmaw parti integrali minnu, taċċetta jew tirrikonoxxi r-riżultati ta’ proċeduri speċifikati, li jintużaw biex tiġi evalwata l-konformità mal-miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi speċifikati ta’ dik il-Parti, prodotti mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Parti l-oħra, bl-għarfien li l-proċeduri użati għall-evalwazzjoni tal-konformità jassiguraw il-konformità għas-sodisfazzjon tal-Parti li tirċievi, bil-miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi applikabbli ta’ dik il-Parti, ekwivalenti għall-assigurazzjoni offruta mill-proċeduri personali tal-Parti li tirċievi.

2. Il-Paragrafu 1 għandu japplika biss meta l-arranġamenti tranżitorji, li jistgħu jkunu stipulati fl-Annessi għal dan il-Ftehim, ikunu ġew ikkompletati.

3. Dan il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat li jfisser l-aċċettazzjoni reċiproka tal-istandards jew ir-regolamenti tekniċi tal-Partijiet u, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f’dan il-Ftehim, ma għandux ifisser ir-rikonoxximent reċiproku tal-ekwivalenza tal-istandards jew tar-regolamenti tekniċi.

4. Xejn f’dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem li jillimita l-awtorità ta’ Parti sabiex tistabbilixxi, permezz tal-miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi tagħha, il-livell ta’ protezzjoni li hija tikkunsidra bħala xieraq għas-sikurezza, għall-ambjent, u mod ieħor fir-rigward tar-riskji fl-ambitu tal-Anness applikabbli għal dan il-Ftehim.

5. Is-sejbiet magħmula minn persuni ddelegati jew organizzazzjonijiet approvati, awtorizzati mil-leġiżlazzjoni applikabbli ta’ xi waħda mill-Partijiet biex jagħmlu l-istess sejbiet bħal Awtorità Kompetenti, għandhom jingħataw l-istess validità bħal dawk magħmula minn Awtorità Kompetenti nnifisha għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim. Entità ta’ Parti waħda responsabbli għall-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim, kif iddefinit fl-Artikolu 7, tista’ meta waqtu, u wara notifika minn qabel lill-kontroparti tagħha fi ħdan il-Parti l-oħra, tinteraġixxi direttament ma’ persuna ddelegata jew organizzazzjoni approvata fi ħdan dik il-Parti l-oħra.

Artikolu 4

Ambitu ġenerali ta' Kopertura

1. Dan il-Ftehim japplika għal:

   (a) l-Approvazzjoni tal-Ajrunavigabbiltà u l-Monitoraġġ ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili;

   (b) l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' inġenju tal-ajru fis-servizz;

   (c) l-approvazzjoni u Monitoraġġ tal-faċilitajiet ta' manifattura u produzzjoni;

   (d) l-approvazzjoni u Monitoraġġ tal-faċilitajiet ta' manutenzjoni;

   (e) l-Approvazzjoni Ambjentali u l-ittestjar ambjentali ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili; u

   (f) attivitajiet relatati ta' kooperazzjoni.

2. Meta tiġi eżerċitata l-kompetenza tal-Komunità Ewropea b'rabta mal-operazzjonijiet tal-ajru, il-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjira u l-approvazzjoni ta' apparat sintetiku tat-taħriġ, il-Partijiet jistgħu jiftiehmu dwar Annessi addizzjonali, fosthom arranġamenti tranżitorji, speċifiċi għal kull qasam skont il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 16.

Artikolu 5

L-Awtoritajiet Kompetenti

1. Meta entità tkun eliġibbli taħt il-leġiżlazzjoni ta' xi Parti, hija għandha tiġi rikonoxxuta bħala Awtorità Kompetenti mill-Parti l-oħra, ladarba tkun ġiet ivverifikata mill-Parti tagħha sabiex jiġi stabbilit li:

   (a) hija tikkonforma b'mod sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-Parti tagħha,

   (b) hija tkun familjari mar-rekwiżiti tal-Parti l-oħra, għat-tip u l-ambitu ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni li applikat għaliha u

   (c) hija tkun kapaċi twettaq l-obbligi li jinsabu fl-Annessi.

2. Parti waħda għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-identità tal-Awtorità Kompetenti ladarba tkun temmet b'suċċess il-verifika. Il-Parti l-oħra tista' tikkontesta l-kompetenza teknika jew il-konformità ta' dik l-Awtorità Kompetenti skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

3. L-entitajiet identifikati fl-Appendiċi 1 u 2 għandhom jitqiesu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-implimentazzjoni rispettivament tal-Anness A u B fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet għandhom jassiguraw li l-Awtoritajiet Kompetenti tagħhom ikunu kapaċi u jibqgħu kapaċi jevalwaw sewwa l-konformità tal-prodotti jew tal-organizzazzjonijiet, kif applikabbli u kif ittrattat fl-Annessi għal dan il-Ftehim. F'dan ir-rigward, il-Partijiet għandhom jassiguraw li l-Awtoritajiet Kompetenti tagħhom ikunu suġġetti għal verifika jew evalwazzjoni regolari.

5. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin kif meħtieġ biex jassiguraw li tinżamm il-fiduċja fil-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità. Din il-konsultazzjoni tista' tinkludi l-parteċipazzjoni ta' Parti waħda fil-verifiki regolari marbuta mal-attivitajiet għall-evalwazzjoni tal-konformità jew evalwazzjonijiet oħra tal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Parti l-oħra.

6. Jekk xi Parti tikkontesta l-kompetenza teknika jew il-konformità ta' Awtorità Kompetenti, il-Parti kontestanti għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra dwar il-kontestazzjoni tagħha tal-kompetenza teknika jew il-konformità tal-Awtorità Kompetenti rilevanti u bl-intenzjoni tagħha li tissospendi l-aċċettazzjoni tas-sejbiet tal-Awtorità Kompetenti rilevanti. Tali kontestazzjoni għandha tiġi eżerċitata b'mod oġġettiv u mmotivat.

7. Kwalunkwe kontestazzjoni nnotifikata skont il-Paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi diskussa mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 9, li jista' jiddeċiedi li jissospendi l-aċċettazzjoni tas-sejbiet ta' dik l-Awtorità Kompetenti jew li tkun meħtieġa l-verifika tal-kompetenza teknika tagħha. Verifika bħal din normalment għandha titwettaq mingħajr dewmien mill-Parti li jkollha l-ġuriżdizzjoni fuq l-Awtorità Kompetenti inkwistjoni, iżda tista' titwettaq b'mod konġunt mill-Partijiet jekk dawn jiddeċiedu hekk.

8. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jkunx seta' jsolvi kontestazzjoni nnotifikata skont il-Paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, fi żmien 30 jum mill-avviż tagħha, il-Parti kontestanti tista' tissospendi l-aċċettazzjoni tas-sejbiet tal-Awtorità Kompetenti inkwistjoni iżda għandha taċċetta s-sejbiet magħmula minn dik l-Awtorità Kompetenti qabel id-data tal-avviż. Sospensjoni bħal din tista' tibqa' fis-seħħ sakemm il-Kumitat Konġunt isolvi l-kwistjoni.

Artikolu 6

Miżuri ta' Salvagwardja

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jillimita l-awtorità ta' Parti sabiex tieħu l-miżuri kollha xierqa u immedjati kull meta jkun hemm riskju raġonevoli li prodott jew servizz jista':

   (a) jikkomprommetti s-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni;

   (b) ma jissodisfax il-miżuri leġiżlattivi, regolatorji, jew amministrattivi applikabbli ta' dik il-Parti fl-ambitu ta' dan il-Ftehim; jew

   (c) b'xi mod jonqos milli jissodisfa rekwiżiti fl-ambitu tal-Anness applikabbli għal dan il-Ftehim.

2. Meta xi waħda mill-Partijiet tieħu miżuri skont il-Paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tinforma bil-miktub lill-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum li tkun ħadet tali miżuri, u tagħti r-raġunijiet għalihom.

Artikolu 7

Komunikazzjonijiet

1. Il-Partijiet jaqblu li l-komunikazzjonijiet bejniethom għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu ttrattati minn:

(a) fir-rigward tal-kwistjonijiet tekniċi, l-Aġenti Tekniċi

(b) fir-rigward tal-kwistjonijiet l-oħra kollha:

– għall-Kanada: Id-Dipartiment tat-Trasport;

– għall-Komunità Ewropea: il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri, fejn applikabbli

2. Malli jiffirmaw dan il-Ftehim il-Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin il-punti ta' kuntatt rilevanti.

Artikolu 8

Kooperazzjoni, Għajnuna u Trasparenza Reċiproka

1. Kull Parti għandha tassigura li l-Parti l-oħra tinżamm infurmata dwar il-liġijiet, ir-regolamenti, l-istandards, u r-rekwiżiti tagħha kollha, u dwar is-sistema ta' ċertifikazzjoni tagħha.

2. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-proposti tagħhom għal reviżjonijiet sinifikanti fil-liġijiet, regolamenti, standards u rekwiżiti tagħhom, u fis-sistemi ta' ċertifikazzjoni tagħhom kemm-il darba dawn ir-reviżjonijiet jista' jkollhom impatt fuq il-Ftehim. sal-iżjed livell prattikabbli, huma għandhom joffru lil xulxin l-opportunità li jikkummentaw dwar tali reviżjonijiet u jagħtu l-konsiderazzjoni xierqa lil dawn il-kummenti.

3. Il-Partijiet għandhom, kif jixraq, jiżviluppaw proċeduri dwar kooperazzjoni u trasparenza regolatorja għall-attivitajiet kollha li jwettqu fl-ambitu ta' dan il-Ftehim.

4. Suġġett għal-leġiżlazzjoni applikabbli tagħhom, il-Partijiet jaqblu li jipprovdu lil xulxin, meta tintalab u mingħajr dewmien, informazzjoni relatata ma' aċċidenti, inċidenti jew okkorrenzi marbuta mal-kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim.

5. Għall-iskop li jiġu investigati u solvuti kwistjonijiet tas-sikurezza permezz ta' kooperazzjoni reċiproka, il-Partijiet għandhom iħallu lil xulxin jipparteċipaw fl-ispezzjonijiet u l-verifiki ta' xulxin fuq bażi ta' kampjun jew jagħmlu spezzjonijiet u verifiki konġunti kif meħtieġ.

Artikolu 9

Il-Kumitat Konġunt tal-Partijiet

1. Qed jiġi mwaqqaf Kumitat Konġunt, iffurmat minn rappreżentanti ta' kull Parti. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli għall-funzjonament effettiv ta' dan il-Ftehim u għandu jiltaqa' f'intervalli regolari biex jevalwa l-effikaċja tal-implimentazzjoni tiegħu.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jikkunsidra kwalunkwe materja relatata mal-funzjonament u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari huwa għandu jkun responsabbli sabiex:

(a) jevalwa u jieħu azzjoni xierqa fir-rigward ta' kontestazzjonijiet kif speċifikat fl-Artikolu 5;

(b) isolvi kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inklużi dawk il-kwistjonijiet mhux solvuti mill-Kumitat Settorjali Konġunt imwaqqaf skont l-Anness rilevanti;

(c) jikkunsidra modi sabiex jitjieb l-operat ta' dan il-Ftehim u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Partijiet għall-emendar ta' dan il-Ftehim;

(d) jikkunsidra emendi speċifiċi fl-Annessi;

(e) jikkoordina, kif ikun xieraq, l-iżvilupp ta' Annessi addizzjonali;

(f) jadotta, kif ikun xieraq, proċeduri ta' ħidma dwar kooperazzjoni u trasparenza regolatorja għall-attivitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 4 u li mhumiex żviluppati mod ieħor mill-Kumitati Settorjali Konġunti.

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jfassal ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 10

Sospensjoni tal-Obbligi Reċiproċi ta' Aċċettazzjoni

1. Parti waħda tista' tissospendi, b'mod sħiħ jew parzjali, l-obbligi tagħha speċifikati taħt Anness ta' dan il-Ftehim, meta:

(a) il-Parti l-oħra tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha speċifikati taħt dak l-Anness ta' dan il-Ftehim; jew

(b) waħda jew aktar mill-Awtoritajiet Kompetenti tagħha stess ma jkunux jistgħu jimplimentaw rekwiżiti ġodda jew addizzjonali adottati mill-Parti l-oħra fil-qasam kopert minn dak l-Anness ta' dan il-Ftehim; jew,

(c) il-Parti l-oħra tonqos milli żżomm il-mezzi legali u regolatorji li jkunu meħtieġa sabiex timplimenta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Qabel tissospendi l-obbligi tagħha, Parti għandha titlob konsultazzjonijiet taħt l-Artikolu 15. Jekk il-konsultazzjonijiet ma jsolvux nuqqas ta' qbil dwar xi wieħed mill-Annessi, waħda mill-Partijiet tista' tinforma lill-Parti l-oħra bil-ħsieb tagħha li tissospendi l-aċċettazzjoni tas-sejbiet ta' konformità u l-approvazzjonijiet taħt l-Anness, li fuqhom ikun hemm nuqqas ta' qbil. Tali notifika għandha tkun bil-miktub u tispjega r-raġunijiet għas-sospensjoni.

3. Sospensjoni bħal din għandha tidħol fis-seħħ 30 jum wara d-data tan-notifika, sakemm, qabel it-tmiem ta' dan il-perjodu, il-Parti li tkun bdiet is-sospensjoni, ma tinnotifikax lill-Parti l-oħra bil-miktub li qiegħda tirtira n-notifika tagħha. Tali sospensjoni ma għandhiex taffettwa l-validità tas-sejbiet ta' konformità, iċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet magħmula mill-Aġenti Tekniċi jew mill-Awtorità Kompetenti tal-Parti inkwistjoni qabel id-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni. Kwalunkwe sospensjoni bħal din li tkun saret effettiva

tista' tiġi rtirata immedjatament wara skambju ta' korrispondenza bil-miktub għal dak il-għan mill-Partijiet.

Artikolu 11

Kunfidenzjalità

1. Kull Parti taqbel li żżomm, sal-livell meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tagħha, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tirċievi mill-Parti l-oħra taħt dan il-Ftehim.

2. B'mod partikolari, suġġett għal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, il-Partijiet la għandhom jiżvelaw lill-pubbliku, u lanqas jippermettu lill-Awtorità Kompetenti tiżvela lill-pubbliku, informazzjoni li huma jirċievu mingħand xulxin taħt dan il-Ftehim li tkun tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali, tagħrif kummerċjali jew finanzjarju kunfidenzjali, jew tagħrif li jkollu x'jaqsam ma' investigazzjoni li tkun għaddejja. Għal dan il-għan, informazzjoni bħal din għandha titqies bħala proprjetarja u għandha tiġi mmarkata sewwa bħala tali.

3. Parti jew Awtorità Kompetenti tista', meta tipprovdi informazzjoni lill-Parti l-oħra jew lil Awtorità Kompetenti tal-Parti l-oħra, tindika dawk il-partijiet tal-informazzjoni li hija tikkunsidra bħala eżenti mill-iżvelar.

4. Kull Parti għandha tieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha li jkunu meħtieġa biex tipproteġi l-informazzjoni li tirċievi taħt dan il-Ftehim minn żvelar mhux awtorizzat.

Artikolu 12

Irkupru tal-ispejjeż

1. L-ebda Parti ma għandha timponi tariffi jew ħlasijiet fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-attivitajiet tagħhom huma rregolati b'dan il-Ftehim għal servizzi ta' evalwazzjoni tal-konformità koperti b'dan il-Ftehim u pprovduti mill-Parti l-oħra.

2. Kull Parti għandha tfittex li tassigura li kwalunkwe tariffa jew ħlas impost mill-Aġent Tekniku tagħha fuq persuna ġuridika jew fiżika li l-attivitajiet tagħha jkunu rregolati b'dan il-Ftehim ikunu ġusti, raġonevoli u proporzjonati mas-servizzi ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza pprovduti, u ma għandhomx joħolqu ostaklu għall-kummerċ.

3. L-Aġent Tekniku ta' kull Parti għandu jkollu d-dritt li jirkupra permezz ta' tariffi u ħlasijiet applikati fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-attivitajiet tagħhom huma rregolati b'dan il-Ftehim, l-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni tal-Anness applikabbli u tal-verifiki u l-ispezzjonijiet magħmula fl-applikazzjoni tal-Paragrafu 5 tal-Artikolu 5 u tal-Paragrafu 5 tal-Artikolu 8.

Artikolu 13

Ftehimiet oħra

1. Ħlief fejn huwa speċifikat mod ieħor fl-Annessi, l-obbligi stipulati fi ftehimiet konklużi minn xi waħda mill-Partijiet ma' pajjiż terz li ma jkunx parti għal dan il-Ftehim ma

jkollhom ebda forza u effett fir-rigward tal-Parti l-oħra f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċettazzjoni tar-riżultati ta' proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità fil-pajjiż terz.

2. Malli jidħol fis-seħħ, dan il-Ftehim għandu jieħu post il-ftehimiet bilaterali dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni bejn il-Kanada u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li taqa' taħt dan il-Ftehim.

3. Dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor.

Artikolu 14

Applikazzjoni Territorjali

Ħlief fejn huwa speċifikat mod ieħor fl-Annessi ta' dan il-Ftehim, dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u bil-kundizzjonijiet stipulati f'dak it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Kanada.

Artikolu 15

Konsultazzjonijiet u Soluzzjoni ta' Nuqqasijiet ta' Qbil

1. Kwalunkwe Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra dwar kwalunkwe materja relatata ma' dan il-Ftehim. Il-Parti l-oħra għandha twieġeb mingħajr dewmien għal tali rikjesta u għandha tidħol f'diskussjonijiet f'termih miftiehem bejn il-Partijiet fi żmien 45 jum.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex isolvu kwalunkwe nuqqas ta' qbil bejniethom fir-rigward tal-kooperazzjoni tagħhom taħt dan il-Ftehim fl-inqas livell tekniku possibbli permezz ta' konsultazzjoni skont id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Annessi għal dan il-Ftehim.

3. F'każ li xi nuqqas ta' qbil ma jiġix solvut kif ipprovdut fil-Paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, wieħed mill-Aġenti Tekniċi jista' jirreferi n-nuqqas ta' qbil lill-Kumitat Konġunt tal-Partijiet, li għandu jikkonsulta dwar il-kwistjoni.

Artikolu 16

Dħul fis-Seħħ, Terminazzjoni u Emendi

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar nota ta' skambju ta' Noti Diplomatiċi li fiha l-Partijiet jinfurmaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom li jkunu meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi mitmum minn xi waħda mill-Partijiet.

2. Parti waħda tista' ttemm dan il-Ftehim fi kwalunkwe ħin b'notifika bil-miktub ta' sitt xhur lill-Parti l-oħra, sakemm l-imsemmi avviż ta' terminazzjoni ma jkunx ġie rtirat bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet qabel ma jiskadi dan il-perjodu

3. F'każijiet fejn Parti waħda tfittex li temenda l-Ftehim billi tneħħi Anness wieħed jew aktar u żżomm l-Annessi l-oħra, il-Partijiet għandhom ifittxu li jemendaw dan il-Ftehim

b'kunsens, skont il-proċeduri f'dan l-Artikolu. Jekk ma jintlaħaqx tali kunsens, il-Ftehim għandu jintemm fit-tmiem ta' sitt xhur mid-data tal-avviż sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet.

4. Il-Partijiet jistgħu jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku bil-miktub. Emenda għal dan il-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika bil-miktub minn Parti waħda lill-Parti l-oħra li l-proċeduri domestiċi tagħha għad-dħul fis-seħħ ikunu tlestew.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jistgħu jiftiehmu li jemendaw l-Annessi eżistenti jew iżidu oħrajn ġodda permezz ta' skambju ta' Noti Diplomatiċi bejn il-Partijiet. Dawn l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ suġġetti għat-termini miftiehma fl-iskambju tan-Noti Diplomatiċi.

6. Wara t-tmiem ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha żżomm il-validità ta' kwalunkwe Approvazzjoni tal-Ajrunavigabbiltà, Approvazzjoni Ambjentali jew ċertifikat maħruġ taħt dan il-Ftehim, qabel it-tmiem tiegħu, sakemm dawn jibqgħu konformi mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli ta' dik il-Parti.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti debitament awtorizzati biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim MAGĦMUL f'żewġ kopji fi XX, illum XX ta' XXX 2008, bil-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA / GĦALL-KANADA

_____ / _____

Appendiċi 1

Lista tal-awtoritajiet kompetenti, li huma kkunsidrati konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5.1 fir-rigward tal-Anness A

1. awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-approvazzjonijiet tad-disinn

għall-Kanada: l-organizzazzjoni Kanadiża responsabbli għall-avjazzjoni ċivili

għall-Komunità Ewropea: l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni

2. awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-sorveljanza tal-produzzjoni

għall-Kanada: l-organizzazzjoni Kanadiża responsabbli għall-avjazzjoni ċivili

għall-Komunità Ewropea: l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni

l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri

Appendiċi 2

L-Awtoritajiet Kompetenti tas-27 Stat Membru tal-UE, li huma kkunsidrati konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5.1 fir-rigward tal-Anness B

ANNESS A

Proċedura għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili

1. AMBITU TA' APPLIKAZZJONI

1.1. Din il-Proċedura (iktar 'l quddiem imsejħa l-"Proċedura") tapplika għal:

1.1.1. L-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet ta' konformità mar-rekwiżiti tad-disinn, ambjentali u r-Rekwiżiti Operattivi relatati mad-Disinn għal Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili, magħmula mill-Aġent Tekniku tal-Parti li taġixxi bħala r-rappreżentant awtorizzat tal-Istat tad-disinn.

1.1.2. L-aċċettazzjoni reċiproka ta' sejbiet li l-Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili ġodda jew użati huma konformi mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà u ambjentali ta' xi waħda mill-Partijiet; L-aċċettazzjoni reċiproka tal-approvazzjonijiet ta' bidliet fid-disinn u disinji ta' tiswijiet ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili mwettqa bl-awtorità ta' xi waħda mill-Partijiet;

1.1.3. Il-kooperazzjoni u l-għajnuna dwar l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' inġenju tal-ajru fis-servizz.

1.2. Għall-iskopijiet ta' din il-Proċedura, it-termini segwenti għandhom dawn it-tifsiriet:

(a) "Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat" ifisser dikjarazzjoni minn persuna jew organizzazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Parti li Tesporta li Prodott Ajrunawtiku Ċivili, mhux inġenju tal-ajru sħiħ, ikun jew prodott li għadu kemm jiġi mmanifatturat jew maħruġ wara li tkun saret manutenzjoni fuqu.

(b) "Ċertifikat għall-Esportazzjoni tal-Ajrunavigabbiltà" ifisser dikjarazzjoni għall-esportazzjoni minn persuna jew organizzazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Parti li Tesporta li inġenju tal-ajru sħiħ, ukoll taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Parti li Tesporta, ikun konformi mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà u ambjentali nnotifikati mill-Parti li Timporta.

(c) "Il-Parti li Tesporta" tfisser il-Parti li mingħandha jiġi esportat Prodott Ajrunawtiku Ċivili;

(d) "Il-Parti li Timporta" tfisser il-Parti li għaliha jiġi importat Prodott Ajrunawtiku Ċivili;

2. KUMITAT SETTORJALI KONGUNT DWAR IC-ĊERTIFIKAZZJONI

2.1. Kompożizzjoni

2.1.1. Qed jiġi mwaqqaf Kumitat Settorjali Konġunt. Dan il-Kumitat għandu jinkludi rappreżentanti minn kull Parti li jkunu responsabbli f'livell maniġerjali għal:

2.1.1.1. iċ-ċertifikazzjoni ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili;

2.1.1.2. il-produzzjoni, fejn ikunu differenti mill-persuni koperti mis-sottoparagrafu 2.1.1.1.;

2.1.1.3. ir-regolamenti u l-istandards taċ-ċertifikazzjoni u

2.1.1.4. l-ispezzjonijiet interni għall-istandardizzazzjoni jew is-sistemi għall-kontroll tal-kwalità.

2.1.2. Kwalunkwe persuna oħra, kif deċiż b'mod konġunt mill-Partijiet, li tista' tiffaċilita t-twettiq tal-mandat tal-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni, tista' tiġi mistiedna għal dak il-Kumitat.

2.1.3. Il-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

2.2. Mandat

2.2.1. Il-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni għandu jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena sabiex jassigura l-funzjonament u l-implimentazzjoni effettivi ta' din il-Proċedura u għandu, fost affarijiet oħra:

(a) jiddeċiedi, kif meħtieġ, dwar proċeduri ta' ħidma li għandhom jintużaw biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' ċertifikazzjoni;

(b) jiddeċiedi, kif meħtieġ, dwar ordnijiet standard tekniċi għall-finijiet tas-sottoparagrafu 3.3.7 ta' din il-Proċedura.

(c) jevalwa l-bidliet regolatorji f'kull Parti biex jassigura li r-rekwiżiti fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni jibqgħu kurrenti;

(d) jelabora, kif ikun meħtieġ, proposti għall-Kumitat Konġunt dwar emendi għal din il-Proċedura, differenti minn dawk imsemmija fis-sottoparagrafu 2.2.1(b);

(e) jassigura li l-Partijiet jifhmu din il-Proċedura bl-istess mod;

(f) jassigura li l-Partijiet japplikaw din il-Proċedura b'mod konsistenti;

(g) isolvi kwalunkwe differenza dwar kwistjonijiet tekniċi li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' din il-Proċedura, fosthom differenzi li jistgħu jinqalgħu fl-istabbiliment tal-bażijiet għaċ-ċertifikazzjoni jew fl-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet speċjali, eżenzjonijiet u devjazzjonijiet;

(h) jorganizza, kif ikun xieraq, il-parteċipazzjoni reċiproka minn Parti waħda fis-sistema interna ta' standardizzazzjoni jew ta' kontroll tal-kwalità tal-Parti l-oħra;

(i) jidentifika, fejn ikun xieraq, punti fokali responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni ta' kull Prodott Ajrunawtiku Ċivili impurtat jew esportat bejn il-Partijiet; u

(j) jiżviluppa mezzi effettivi għal kooperazzjoni, għajnuna u skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-istandards tas-sikurezza u ambjentali u tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni sabiex kemm jista' jkun jitnaqqsu d-differenzi bejn il-Partijiet;

2.2.2. Jekk il-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni ma jkunx jista' jsolvi d-differenzi skont is-sottoparagrafu 2.2.1(g), huwa għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt u jassigura l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni meħuda minn dak il-Kumitat.

3. APPROVAZZJONIJIET TAD-DISINN

3.1. Disposizzjonijiet Ġenerali

3.1.1. Din il-Proċedura tkopri l-approvazzjonijiet tad-disinn u l-bidliet fihom għal: ċertifikati tat-tip, ċertifikati tat-tip supplimentari, tiswijiet, partijiet u apparat

3.1.2. Għall-implimentazzjoni ta' din il-Proċedura, il-Partijiet jaqblu li l-wiri tal-kapaċità ta' organizzazzjoni tad-disinn sabiex tassumi r-responsabilitajiet tagħha huma kkontrollati b'mod suffiċjenti minn xi waħda mill-Partijiet, biex tiġi sodisfatta kwalunkwe differenza fir-rekwiżiti speċifiċi tal-Parti l-oħra

3.1.3. Fejn ikun xieraq, applikazzjoni għal approvazzjoni tad-disinn għandha ssir lill-Parti li Timporta permezz tal-Parti li Tesporta.

3.1.4. Il-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din is-sezzjoni 3 dwar l-approvazzjonijiet tad-disinn għandhom ikunu l-Aġenti Tekniċi.

3.2. Bażi taċ-Ċertifikazzjoni

3.2.1. Għall-iskop li jinħareġ Ċertifikat tat-Tip, il-Parti li Timporta għandha tuża l-istandards applikabbli għal prodott simili tagħha stess li kienu fis-seħħ meta l-applikazzjoni għaċ-Ċertifikat tat-Tip oriġinali kienet sottomessa lill-Parti li Tesporta.

3.2.2. Suġġett għas-sottoparagrafu 3.2.5 u għall-iskop li jiġu approvati bidla fid-disinn jew disinn ta' tiswija, il-Parti li Timporta għandha tispeċifika bidla fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni stabbilita taħt is-sottoparagrafu 3.2.1 meta tqis tali bidla bħala xierqa għall-bidla fid-disinn jew għad-disinn tat-tiswija.

3.2.3. Suġġett għas-sottoparagrafu 3.2.5., il-Parti li Timporta għandha tispeċifika kwalunkwe kundizzjoni speċjali applikata jew maħsuba li tiġi applikata għal karatteristiċi ġodda jew mhux tas-soltu ta' disinn ta' prodott li ma jkunux koperti mill-istandards applikabbli fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà u dawk ambjentali.

3.2.4. Suġġett għas-sottoparagrafu 3.2.5., il-Parti li Timporta għandha tispeċifika kwalunkwe eżenzjoni jew devjazzjoni mill-istandards applikabbli.

3.2.5. Meta tispeċifika kundizzjonijiet speċjali, eżenzjonijiet, devjazzjonijiet jew bidliet fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni, il-Parti li Timporta għandha tagħti l-konsiderazzjoni dovuta lil dawk tal-Parti li Tesporta u ma għandhiex tkun iżjed eziġenti għall-prodotti tal-Parti li Tesporta milli tkun għal prodotti simili tagħha stess. Il-Parti li Timporta għandha tgħarraf lill-Parti li Tesporta dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali, eżenzjoni, devjazzjoni jew bidla fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni.

3.3. Il-Proċess ta' Ċertifikazzjoni

3.3.1. Il-Parti li Tesporta għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Parti li Timporta sabiex din tal-aħħar issir u tibqa' familjari mal-Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili individwali tal-Parti li Tesporta u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom.

3.3.2. Għal kull approvazzjoni tad-disinn, il-Partijiet għandhom jiżviluppaw programm ta' ċertifikazzjoni, fuq il-bażi tal-proċeduri ta' ħidma stabbiliti mill-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni, kif meħtieġ.

3.3.3. Il-Parti li Timporta għandha toħroġ iċ-Ċertifikat tat-Tip jew iċ-Ċertifikat tat-Tip Supplimentali tagħha għal inġenju tal-ajru, magna jew skrun meta:

(a) il-Parti li Tesporta tkun ħarġet iċ-ċertifikat tagħha stess;

(b) il-Parti li Tesporta tiċċertifika lill-Parti li Timporta li d-disinn tat-tip ta' prodott huwa konformi mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni kif stipulat fil-Paragrafu 3.2; u

(c) il-kwistjonijiet kollha mqajma waqt il-proċess ta' ċertifikazzjoni jkunu ġew solvuti.

3.3.4. Il-bidliet fid-disinn tat-tip għal Prodott Ajrunawtiku Ċivili li għalih il-Parti li Timporta tkun ħarġet ċertifikat tat-tip għandhom jiġu approvati kif ġej:

3.3.4.1. Il-Parti li Tesporta għandha tikklassifika l-bidliet fid-disinn f'żewġ kategoriji skont il-proċeduri ta' ħidma stabbiliti mill-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni.

3.3.4.2. Għall-kategorija ta' bidliet fid-disinn li jeħtieġu l-involviment tal-Parti li Timporta, il-Parti li Timporta għandha tapprova l-bidliet fid-disinn wara li tirċievi dikjarazzjoni bil-miktub mingħand il-Parti li Tesporta li l-bidliet fid-disinn huma konformi mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni kif stipulata fil-paragrafu 3.2. Biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan is-sottoparagrafu, il-Parti li Tesporta tista' tipprovdi dikjarazzjonijiet individwali għal kull bidla fid-disinn jew dikjarazzjonijiet kollettivi għal listi ta' bidliet fid-disinn approvati.

3.3.4.3. Għal kwalunkwe bidla oħra fid-disinn, l-approvazzjoni tal-Parti li Tesporta tikkostitwixxi approvazzjoni valida tal-Parti li Timporta mingħajr azzjoni addizzjonali.

3.3.5. Il-bidliet fid-disinn ta' Prodott Ajrunawtiku Ċivili li għalih il-Parti li Timporta tkun ħarġet ċertifikat tat-tip supplimentali għandhom jiġu approvati kif ġej:

3.3.5.1. Il-Parti li Tesporta għandha tikklassifika l-bidliet fid-disinn f'żewġ kategoriji skont il-proċeduri ta' ħidma stabbiliti mill-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni.

3.3.5.2. Għall-kategorija ta' bidliet fid-disinn li jeħtieġu l-involviment tal-Parti li Timporta, il-Parti li Timporta għandha tapprova l-bidliet fid-disinn wara li tirċievi dikjarazzjoni bil-miktub mingħand il-Parti li Tesporta li l-bidliet fid-disinn huma konformi mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni kif stipulata fil-Paragrafu 3.2. Biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan is-sottoparagrafu, il-Parti li Tesporta tista' tipprovdi dikjarazzjonijiet individwali għal kull bidla fid-disinn jew dikjarazzjonijiet kollettivi għal listi ta' bidliet fid-disinn approvati;

3.3.5.3. Għall-bidliet fid-disinn l-oħra kollha, l-approvazzjoni tal-Parti li Tesporta tikkostitwixxi approvazzjoni valida tal-Parti li Timporta mingħajr azzjoni addizzjonali.

3.3.6. Id-disinji tat-tiswijiet ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili li għalihom il-Parti li Timporta tkun ħarġet Ċertifikat tat-Tip għandhom jiġu approvati kif ġej:

3.3.6.1. Il-Parti li Tesporta għandha tikklassifika d-disinji tat-tiswijiet f'żewġ kategoriji skont il-proċeduri ta' ħidma stabbiliti mill-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni.

3.3.6.2. Għall-kategorija ta' disinji tat-tiswijiet li jeħtieġu l-involviment tal-Parti li Timporta, il-Parti li Timporta għandha tapprova d-disinji wara li tirċievi dikjarazzjoni bil-miktub mingħand il-Parti li Tesporta li d-disinji tat-tiswijiet huma konformi mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni kif stipulata fil-Paragrafu 3.2. Biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan is-sottoparagrafu, il-Parti li Tesporta tista' tipprovdi dikjarazzjonijiet individwali għal kull disinn ta' tiswija prinċipali jew dikjarazzjonijiet kollettivi għal listi ta' disinji tat-tiswijiet approvati;

3.3.6.3. Għad-disinji tat-tiswijiet l-oħra kollha, l-approvazzjoni tal-Parti li Tesporta tikkostitwixxi approvazzjoni valida tal-Parti li Timporta mingħajr azzjoni addizzjonali.

3.3.7. Fil-każ ta' apparat u partijiet approvati fuq il-bażi ta' ordnijiet standard tekniċi deċiżi mill-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni skont il-Paragrafu 2.2 ta' din il-Proċedura, l-approvazzjoni tal-apparat u l-partijiet maħruġa mill-Parti li Tesporta

għandha tiġi rikonoxxuta mill-Parti li Timporta bħala ekwivalenti għall-approvazzjonijiet tagħha stess maħruġa skont il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tagħha.

3.4. Rekwiżiti Operattivi relatati mad-Disinn

3.4.1. Il-Parti li Timporta, fuq talba mill-Parti li Tesporta, għandha tinforma lill-Parti li Tesporta dwar ir-Rekwiżiti Operattivi kurrenti tagħha relatati mad-Disinn.

3.4.2. Il-Parti li Timporta għandha tistabbilixxi flimkien mal-Parti li Tesporta, fuq il-bażi ta' kull każ individwali jew billi tiżviluppa lista speċifika ta' Rekwiżiti Operattivi kurrenti relatati mad-Disinn għal ċerti kategoriji ta' prodotti u/jew operazzjonijiet, ir-Rekwiżiti Operattivi relatati mad-Disinn li għalihom għandha taċċetta ċ-ċertifikazzjoni bil-miktub jew id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-Parti li Tesporta.

3.5. L-Ajrunavigabbiltà Kontinwa

3.5.1. Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw fl-analiżi ta' aspetti relatati mal-ajrunavigabbiltà ta' aċċidenti u inċidenti li jseħħu fir-rigward ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili li għalihom japplika dan il-Ftehim u li huma tali li jqajmu mistoqsijiet dwar l-ajrunavigabbiltà ta' dawn il-prodotti.

3.5.2. Il-Parti li Tesporta għandha, fir-rigward ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili ddisinjati jew immanifatturati taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha, tistabbilixxi kwalunkwe azzjoni xierqa li tkun neċessarja biex tiġi rranġata kwalunkwe kundizzjoni mhux sigura tad-disinn tat-tip li tista' tiġi skoperta wara li jibda jintuża Prodott Ajrunawtiku Ċivili, fosthom kull azzjoni fir-rigward ta' komponenti mfassla u/jew immanifatturati minn fornitur b'kuntratt għal kuntrattur ewlieni fit-territorju li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Parti li Tesporta.

3.5.3. Il-Parti li Tesporta għandha, fir-rigward ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili ddisinjati jew immanifatturati taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha, tassisti lill-Parti li Timporta sabiex tiddetermina kwalunkwe azzjoni li l-Parti li Timporta tqisha bħala neċessarja għall-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodotti.

3.5.4. Kull Parti għandha żżomm lill-Parti l-oħra infurmata dwar id-direttivi obbligatorji kollha dwar l-ajrunavigabbiltà, jew dwar azzjonijiet oħra li hija tqis li huma meħtieġa għall-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili ddisinjati jew immanifatturati taħt il-ġuriżdizzjoni ta' xi waħda mill-Partijiet u li huma koperti b'dan il-Ftehim.

4. APPROVAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

4.1. Għall-implimentazzjoni ta' din il-Proċedura, il-Partijiet jaqblu li l-wiri tal-kapaċità ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni sabiex tassumi l-assigurazzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-produzzjoni ta' Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili huwa kkontrollat b'mod suffiċjenti bis-sorveljanza ta' organizzazzjoni bħal din minn Awtorità Kompetenti ta' xi waħda mill-Partijiet, biex tiġi ssodisfata kwalunkwe differenza fir-rekwiżiti speċifiċi tal-Parti l-oħra.

4.2. Meta approvazzjoni tal-produzzjoni taħt il-kontroll regolatorju ta' xi Parti tkun tinkludi siti u faċilitajiet tal-manifattura fit-territorju tal-Parti l-oħra jew f'pajjiż terz, l-ewwel Parti għandha tibqa' responsabbli għas-sorveljanza u kontroll ta' dawn is-siti u faċilitajiet tal-manifattura.

4.3. Il-Partijiet jistgħu jfittxu assistenza mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' pajjiż terz fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom ta' sorveljanza u kontroll regolatorju meta xi approvazzjoni minn waħda mill-Partijiet tkun ingħatat jew ġiet estiża bi ftehim jew arranġament formali ma' dak il-pajjiż terz.

4.4. Il-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din is-sezzjoni 4 dwar l-approvazzjonijiet tal-produzzjoni għandhom ikunu l-Awtoritajiet Kompetenti kif imsemmija fl-Artikolu 5 tal-Ftehim.

5. APPROVAZZJONIJIET TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ GĦALL-ESPORTAZZJONI

5.1. Ġenerali

5.1.1. Il-Parti li Tesporta għandha toħroġ approvazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà għall-esportazzjoni għal Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili esportati lill-Parti li Timporta bil-kundizzjonijiet iddefiniti fil-Paragrafi 5.2 u 5.3.

5.1.2. Il-Parti li Timporta għandha taċċetta l-approvazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà għall-esportazzjoni tal-Parti li Tesporta maħruġin skont il-Paragrafi 5.2 u 5.3.

5.1.3. L-identifikazzjoni ta' partijiet u apparat bil-marki speċifiċi mitluba mil-leġiżlazzjoni tal-Parti li Tesporta għandha tiġi rikonoxxuta mill-Parti li Timporta bħala konformi mar-rekwiżiti legali tagħha stess.

5.2. Ċertifikati tal-Ajrunavigabbiltà għall-Esportazzjoni

5.2.1. Inġenju tal-ajru ġdid

5.2.1.1. Parti li Tesporta, permezz tal-Awtorità Kompetenti tagħha responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura, għandha toħroġ Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà għall-esportazzjoni, għal inġenju tal-ajru ġdid, fejn tiċċertifika li l-inġenju tal-ajru:

(a) huwa konformi ma' disinn tat-tip approvat mill-Parti li Timporta skont din il-Proċedura;

(b) huwa f'kundizzjoni li jitħaddem mingħajr periklu, li jinkludi l-osservanza tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà tal-Parti li Timporta, kif innotifikati minn dik il-Parti;

(c) jissodisfa r-rekwiżiti addizzjonali kollha preskritti mill-Parti li Timporta, kif innotifikati minn dik il-Parti;

5.2.2. Inġenju tal-ajru użat

5.2.2.1. Għal inġenju tal-ajru użat li għalih ingħatat approvazzjoni tad-disinn mill-Parti li Timporta, il-Parti li Tesporta, permezz tal-Awtorità Kompetenti tagħha responsabbli għas-sorveljanza taċ-Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà ta' dak l-inġenju tal-ajru, għandha toħroġ Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà li jiċċertifika li l-inġenju tal-ajru:

(a) huwa konformi ma' disinn tat-tip approvat mill-Parti li Timporta skont din il-Proċedura;

(b) huwa f'kundizzjoni li jitħaddem mingħajr periklu, li jinkludi l-osservanza tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà tal-Parti li Timporta, kif innotifikati minn dik il-Parti;

(c) saritlu manutenzjoni kif suppost bl-użu ta' proċeduri u metodi approvati matul il-ħajja ta' servizz tiegħu, kif muri mill-ġurnali u r-rekords tal-manutenzjoni; u

(d) jissodisfa r-rekwiżiti addizzjonali kollha preskritti mill-Parti li Timporta, kif innotifikati minn dik il-Parti.

5.2.2.2. Għall-inġenji tal-ajru użati, immanifatturati taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha, kull Parti taqbel li tassisti meta tiġi mitluba lill-Parti l-oħra biex tikseb informazzjoni dwar:

(a) il-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru fil-mument li telaq mingħand il-manifattur; u

(b) l-installazzjonijiet suċċessivi fuq l-inġenju tal-ajru li hija approvat.

5.2.2.3. Il-Partijiet għandhom jaċċettaw ukoll iċ-Ċertifikati tal-Ajrunavigabbiltà għall-Esportazzjoni ta' inġenji tal-ajru użati mmanifatturati u/jew armati f'pajjiż terz meta l-kundizzjonijiet tas-sottoparagrafi 5.2.2.1(a) sa (d) ikunu ġew issodisfati.

5.2.2.4. Il-Parti li Timporta tista' titlob ir-rekords tal-ispezzjonijiet u l-manutenzjoni li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(a) il-kopja oriġinali jew iċċertifikata vera ta' Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà għall-Esportazzjoni, jew l-ekwivalenti tiegħu, maħruġ mill-Parti li Tesporta;

(b) rekords li jivverifikaw li l-ispezzjonijiet, bidliet kbar, u t-tiswijiet saru skont ir-rekwiżiti approvati jew aċċettati mill-Parti li Tesporta; u

(c) ir-rekords tal-manutenzjoni u d-daħliet fil-ġurnal li jissostanzjaw li l-inġenju tal-ajru użat saritlu manutenzjoni kif suppost matul il-ħajja ta' servizz tiegħu skont ir-rekwiżiti ta' programm ta' manutenzjoni approvat.

5.3. Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat

5.3.1. Magni u skrejjen ġodda

5.3.1.1. Il-Parti li Timporta għandha taċċetta biss iċ-Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat tal-Parti li Tesporta dwar magna jew skrun ġdid, meta ċ-Ċertifikat jipprovdi li tali magna jew skrun:

(a) ikunu konformi ma' disinn tat-tip approvat mill-Parti li Timporta skont din il-Proċedura;

(b) ikunu f'kundizzjoni li jitħaddmu mingħajr periklu, li jinkludi l-osservanza tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà tal-Parti li Timporta, kif innotifikati minn dik il-Parti; u

(c) jissodisfaw ir-rekwiżiti addizzjonali kollha preskritti mill-Parti li Timporta, kif innotifikati minn dik il-Parti.

5.3.1.2. Il-Parti li Tesporta għandha tesporta l-magni u l-iskrejjen ġodda kollha b'Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat maħruġ skont il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tagħha.

5.3.2. Sottomuntaġġi, partijiet u apparati ġodda

5.3.2.1. Il-Parti li Timporta għandha taċċetta biss iċ-Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat tal-Parti li Tesporta dwar sottomuntaġġ, parti, fosthom parti modifikata u/jew ta' sostituzzjoni, u apparat, meta ċ-Ċertifikat jipprovdi li tali sottomuntaġġ jew parti:

(a) ikunu konformi ma' dejta dwar id-disinn approvata mill-Parti li Timporta;

(b) ikunu f'kundizzjoni li jitħaddmu mingħajr periklu; u

(c) jissodisfaw ir-rekwiżiti addizzjonali kollha preskritti mill-Parti li Timporta, kif innotifikati minn dik il-Parti.

5.3.2.2. Il-Parti li Tesporta għandha tesporta l-partijiet ġodda kollha b'Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat maħruġ skont il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tagħha.

6. ASSISTENZA TEKNIKA

6.1. Il-Partijiet, fejn ikun xieraq permezz tal-Awtoritajiet Kompetenti tagħhom, għandhom jipprovdu assistenza teknika lil xulxin, meta jintalbu.

6.2. It-tipi ta' assistenza jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, dawn li ġejjin:

6.2.1. Stabbiliment tal-Konformità:

(a) testijiet li jagħtu prova;

(b) twettiq ta' spezzjonijiet dwar il-konformità;

(c) evalwazzjoni tar-rapporti; u

(d) ksib ta' informazzjoni.

6.2.2. Monitoraġġ u Sorveljanza:

(a) xhieda tal-ispezzjoni tal-partijiet tal-ewwel oġġett;

(b) monitoraġġ tal-kontrolli fuq proċessi speċjali;

(c) twettiq ta' spezzjonijiet ta' kampjun fuq partijiet tal-produzzjoni;

(d) monitoraġġ tal-attivitajiet tal-persuni ddelegati jew tal-organizzazzjonijiet approvati msemmija fl-Artikolu 3.5 tal-Ftehim;

(e) twettiq ta' investigazzjonijiet ta' diffikultajiet fis-servizz; u

(f) evalwazzjoni u sorveljanza tas-sistemi tal-kwalità tal-produzzjoni.

Anness B

Proċedura għall-Manutenzjoni

1. AMBITU TA' APPLIKAZZJONI

Din il-Proċedura (iktar 'l quddiem imsejħa l-"Proċedura") tapplika għall-aċċettazzjoni reċiproka ta' sejbiet fil-qasam tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għal inġenji tal-ajru u komponenti maħsuba sabiex jiġu installati fuqhom".

2. LEĠIŻLAZZJONI APPLIKABBLI

Il-Partijiet jaqblu li, għall-finijiet ta' din il-Proċedura, il-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli fir-rigward tal-manutenzjoni ta' Parti waħda u mar-rekwiżiti regolatorji speċifikati fl-Appendiċi B1 ta' din il-Proċedura tammonta għal konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Parti l-oħra.

Il-Partijiet jaqblu li, għall-finijiet ta' din il-Proċedura, il-prattiċi u l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni tal-Awtoritajiet Kompetenti ta' kull Parti jipprovdu għal prova ekwivalenti ta' konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Il-Partijiet jaqblu li, għall-finijiet ta' din il-Proċedura, l-istandards rispettivi tal-Partijiet fir-rigward tal-għoti tal-liċenzji lill-persunal ta' manutenzjoni huma meqjusa bħala ekwivalenti.

3. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' din il-Proċedura, it-termini segwenti għandhom dawn it-tifsiriet:

(a) "Inġenju tal-ajru" jfisser kwalunkwe magna li tista' tikseb sostenn fl-atmosfera mir-reazzjonijiet tal-arja li mhumiex ir-reazzjonijiet tal-arja mal-wiċċ tad-dinja;

(b) "Komponent" ifisser kwalunkwe magna, skrun, parti jew apparat;

(c) "Inġenju tal-ajru kbir" ifisser inġenju tal-ajru, ikklassifikat bħala ajruplan b'piż massimu fit-tluq ta' iżjed minn 5700 kg, jew ħelikopter b'iżjed minn magna waħda; u

(d) "Modifika" tfisser bidla li taffettwa l-kostruzzjoni, il-konfigurazzjoni, il-prestazzjoni, il-karatteristiċi ambjentali, jew il-limitazzjonijiet operattivi ta' Prodott Ajrunawtiku Ċivili.

4. KUMITAT SETTORJALI KONGUNT DWAR IL-MANUTENZJONI

4.1. Kompożizzjoni

4.1.1. Qed jiġi mwaqqaf Kumitat Settorjali Konġunt dwar il-Manutenzjoni. Dan għandu jinkludi rappreżentanti minn kull Parti li jkunu responsabbli f'livell maniġerjali għal:

(e) l-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni;

(f) l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u standards marbuta mal-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni;

(g) l-ispezzjonijiet interni għall-istandardizzazzjoni jew is-sistemi għall-kontroll tal-kwalità;

4.1.2. Kwalunkwe persuna oħra, kif deċiż b'mod konġunt mill-Partijiet, li tista' tiffaċilita t-twettiq tal-mandat tal-Kumitat Settorjali Konġunt dwar il-Manutenzjoni, tista' tiġi mistiedna għal dak il-Kumitat.

4.1.3. Il-Kumitat Settorjali Konġunt dwar il-Manutenzjoni għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

4.2. Mandat

4.2.1. Il-Kumitat Settorjali Konġunt dwar il-Manutenzjoni għandu jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena biex jassigura l-funzjonament u l-implimentazzjoni effettivi ta' din il-Proċedura u għandu, fost affarijiet oħra:

(a) jevalwa l-bidliet regolatorji tal-Partijiet biex jassigura li r-rekwiżiti ddettaljati fl-Appendiċi B1 ta' din il-Proċedura jibqgħu kurrenti;

(b) jassigura li l-Partijiet jifhmu din il-Proċedura bl-istess mod;

(c) jassigura li l-Partijiet japplikaw din il-Proċedura b'mod konsistenti;

(d) isolvi kwalunkwe differenza dwar kwistjonijiet tekniċi li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' din il-Proċedura, fosthom differenzi li jistgħu jinqalgħu mill-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' din il-Proċedura;

(e) jorganizza, kif ikun xieraq, il-parteċipazzjoni reċiproka ta' Parti waħda fis-sistema interna ta' standardizzazzjoni jew ta' kontroll tal-kwalità tal-Parti l-oħra; u

(f) jelabora, kif meħtieġ, proposti għall-Kumitat Konġunt dwar emendi għal din il-Proċedura

4.2.2. Jekk il-Kumitat Settorjali Konġunt dwar il-Manutenzjoni ma jkunx jista' jsolvi d-differenzi skont is-sottoparagrafu 4.2.1(d) ta' din il-Proċedura, huwa għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt u jassigura l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni meħuda minn dak il-Kumitat.

5. APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MANUTENZJONI

5.1. Kull organizzazzjoni ta' manutenzjoni ta' Parti waħda li tkun ġiet iċċertifikata minn Awtorità Kompetenti ta' dik il-Parti biex twettaq funzjonijiet ta' manutenzjoni se tkun meħtieġa li jkollha suppliment għall-manwal tagħha dwar il-manutenzjoni sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Appendiċi B1 ta' din il-Proċedura. Meta tkun sodisfatta li s-suppliment jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Appendiċi B1, l-Awtorità Kompetenti msemmija għandha toħroġ approvazzjoni li tiċċertifika l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-Parti l-oħra u tispeċifika l-firxa tax-xogħlijiet li l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tista' twettaq fuq inġenji tal-ajru rreġistrati f'dik il-Parti l-oħra. Tali firxa ta' klassifikazzjonijiet u limitazzjonijiet ma għandhiex taqbeż lil dik li tinsab fiċ-ċertifikat tagħha stess.

5.2. L-approvazzjoni maħruġa skont il-Paragrafu 5.1 mill-Awtorità Kompetenti ta' Parti waħda għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra u għandha tikkostitwixxi approvazzjoni valida għall-Parti l-oħra mingħajr azzjoni addizzjonali.

5.3. L-għarfien ta' ċertifikat ta' approvazzjoni skont il-Paragrafu 5.2 għandu japplika għall-organizzazzjoni ta' manutenzjoni fil-post prinċipali tan-negozju tagħha, kif ukoll fil-postijiet l-oħra tagħha li jkunu identifikati fil-manwal rilevanti u li jkunu suġġetti għas-superviżjoni ta' Awtorità Kompetenti.

5.4. Il-Partijiet jistgħu jfittxu assistenza mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' pajjiż terz fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom ta' sorveljanza u kontroll regolatorju meta approvazzjoni miż-żewġ Partijiet tkun ingħatat jew tkun ġiet estiża bi ftehim jew arranġament formali ma' dak il-pajjiż terz.

5.5. Permezz tal-Awtorità Kompetenti tagħha, Parti għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe bidla fl-iskop tal-approvazzjonijiet li tkun ħarġet skont il-Paragrafu 5.1, fosthom ir-revoka jew is-sospensjoni tal-approvazzjoni.

6. NUQQAS TA' KONFORMITÀ

6.1. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar nuqqasijiet importanti ta' konformità ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli jew kundizzjoni stipulata f'din il-Proċedura li jdgħajfu l-kapaċità ta' organizzazzjoni approvata minn dik il-Parti l-oħra biex twettaq manutenzjoni skont it-termini ta' din il-Proċedura. Wara tali notifika, il-Parti l-oħra għandha tagħmel l-investigazzjoni meħtieġa u tirrapporta lill-Parti li tkun għamlet in-notifika dwar kwalunkwe azzjoni mittieħda fi żmien 15-il ġurnata.

6.2. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet dwar l-effikaċja tal-azzjoni meħuda, il-Parti li tkun għamlet in-notifika tista' titlob lill-Parti l-oħra sabiex tieħu

azzjoni immedjata biex timpedixxi lill-organizzazzjoni milli twettaq funzjonijiet ta' manutenzjoni fuq Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili li jaqgħu taħt is-superviżjoni regolatorja tagħha. Jekk il-Parti l-oħra tonqos milli tieħu azzjoni bħal din fi żmien 15-il jum minn meta tkun saret it-talba mill-Parti li tagħmel in-notifika, is-setgħat mogħtija lill-Awtorità Kompetenti tal-Parti l-oħra taħt din il-Proċedura għandhom jiġu sospiżi sakemm il-kwistjoni tiġi solvuta b'mod sodisfaċenti mill-Kumitat Konġunt, skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. Sakemm il-Kumitat Konġunt joħroġ deċiżjoni dwar il-kwistjoni, il-Parti li tagħmel in-notifika tista' tieħu kwalunkwe miżura li tqis neċessarja biex timpedixxi lill-organizzazzjoni milli twettaq funzjonijiet ta' manutenzjoni fuq Prodotti Ajrunawtiċi Ċivili taħt is-superviżjoni regolatorja tagħha.

6.3. Il-korpi responsabbli għall-komunikazzjoni taħt din is-sezzjoni 6 għandhom ikunu l-Aġenti Tekniċi.

7. ASSISTENZA TEKNIKA

7.1. Il-Partijiet, fejn ikun xieraq permezz tal-Awtoritajiet Kompetenti tagħhom, għandhom jipprovdu assistenza fl-evalwazzjoni teknika lil xulxin, meta jintalbu.

7.2. It-tipi ta' assistenza jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, dawn li ġejjin:

(a) monitoraġġ u rappurtar fir-rigward tal-konformità kontinwa mar-rekwiżiti deskritti f'din il-Proċedura mill-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni ta' xi waħda mill-Partijiet;

(b) twettiq u rappurtar dwar l-investigazzjonijiet; u

(c) evalwazzjoni teknika.

Appendiċi B1

Rekwiżiti Regolatorji Speċifiċi

L-għarfien min-naħa ta' waħda mill-Partijiet, ta' organizzazzjoni ta' manutenzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Parti l-oħra skont is-sezzjoni 5 ta' din il-Proċedura, għandu jiddependi fuq li dik l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tadotta supplement għall-manwal tagħha dwar il-manutenzjoni li għandu, bħala minimu, jipprovdi dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni ta' impenn iffirmata mill-maniġer responsabbli attwali li l-organizzazzjoni se tikkonforma mal-manwal u s-suppliment tiegħu;

(b) li l-organizzazzjoni se tosserva l-ordni tax-xogħol tal-klijent, billi tikkunsidra b'mod partikolari d-direttivi mitluba dwar l-ajrunavigabbiltà, il-modifiki u t-tiswijiet u r-rekwiżit li l-partijiet li jintużaw ikunu ġew immanifatturati jew saritilhom manutenzjoni minn organizzazzjonijiet aċċettabbli għal dik il-Parti l-oħra;

(c) li l-klijent li joħroġ l-ordni tax-xogħol ikun stabbilixxa l-approvazzjoni tal-Awtorità Kompetenti xierqa għal kwalunkwe informazzjoni dwar id-disinn għall-modifiki u t-tiswijiet;

(d) li l-ħruġ ta' Prodott Ajrunawtiku Ċivili jkun b'mod konformi mar-rekwiżiti leġiżlattivi u regolatorji applikabbli;

(e) li kwalunkwe Prodott Ajrunawtiku Ċivili taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Parti l-oħra li jinstab f'kundizzjoni mhux ajrunavigabbli għandu jiġi rrappurtat lill-Parti l-oħra u lill-klijent.